# Valuri Morali Universali Politika u Paċi Dinjija

Mirża Tahir Ahmad[rh]



# Valuri Morali Universali, Politika u Paċi Dinjija

Mirża Taħir Aħmad[rh]

AHMADIYYA MUSLIM JAMAAT MALTA

**Universal Moral Values, Politics and World Peace**

*Hazrat Mirza Tahir Ahmad, Khalifatul-Masih IV*[rh]

**In Maltese Language**

# Valuri Morali Universali, Politika u Paċi Dinjija

Ħażrat Mirża Taħir Aħmad[rh] (1928 - 2003)
*Ir-Raba' Suċċessur tal-Messija Mwiegħed*[as]

© Islam International Publications Ltd

L-Ewwel Pubblikazzjoni bil-Malti (2013)

Traduzzjoni u Editjar minn

Karl Coleiro u Laiq Ahmed Atif

Pubblikazzjoni ta'

**Ahmadiyya Muslim Jamaat Malta**

**Mob:** +356-79320139 • **Tel:** +356-27342401
**Tel:** +356-21322105 • **Fax:** +356-27322105
**Email:** amjmalta@gmail.com

**www.ahmadija.org.mt**
**www.ahmadiyyamalta.org**

*Stampa meħuda: mrwallpaper.org*

# Werrej


| | | |
|---|---|---|
| 1. | Dwar l-Awtur | 4 |
| 2. | Valuri Morali Universali | 5 |
| 3. | Messaġġ Universali | 11 |
| 4. | Il-Muftieħ għall-Paċi Dinjija | 12 |
| 5. | Politika Sekulari | 12 |
| 6. | L-Unika Soluzzjoni Possibbli | 15 |
| 7. | X'inhi t-Tjieba? | 15 |
| 8. | L-Immoralità fil-Bniedem | 18 |
| 9. | Ekonomija dejjem iktar b'saħħitha | 19 |
| 10. | Il-kapitaliżmu u l-ekonomiji msejsa fuq l-interessi | 20 |
| 11. | Gwerra dinjija inevitabbli | 25 |
| 12. | Il-'mafjużi' tal-kapitaliżmu | 26 |
| 13. | Il-politiċi għandhom jingħaqdu għal din il-kawża | 28 |
| 14. | Taqsam it-tbatija mal-oħrajn | 31 |
| 15. | Ritorn lejn ir-realtajiet tal-ħajja | 32 |
| 16. | Is-soluzzjoni tal-qgħad | 33 |
| 17. | Alla wieħed u s-sbuħija ta' Alla – fik | 34 |
| 18. | Ibqgħu fidili u leali għall-verità | 35 |

# DWAR L-AWTUR

Ħażrat Mirża Taħir Aħmad[rh] (1928-2003), Alla jkollu ħniena bla tmiem mir-ruħ tiegħu, bniedem ta' Alla, Leħen artikulat ta' żmienu, oratur mill-aqwa, studjuż mill-ifjen u b'intelliġenza fenominali, kittieb versatili u prolifiku, studjuż mirqum tax-xebh bejn ir-reliġjonijiet, maħbub u segwit b'devozzjoni minn miljuni ta' Musulmani Aħmadin segwaċi tiegħu madwar id-dinja bħala l-Imam tagħhom, il-kap spiritwali, ir-Raba' Suċċessur ta' Ħażrat Mirża Gulam Aħmad, il-Messija Imwiegħed u Maħdi[as], għal liema uffiċċju maestuż kien maħtur bħala Kalifatul Masiħ fl-1982.

Kellu għarfien profond u ispirat b'mod divin tal-Koran Imqaddes. Barra li kien mexxej reliġjuż, kien tabib omeopatiku ta' fama mondjali, poeta ta' talent għoli u bniedem sportiv.

Għalkemm bla ebda edukazzjoni formali fil-filosofija u x-xjenza, kellu inklinazzjoni mentali għall-filosofija u ttratta l-iktar mistoqsijiet teoloġiċi-filosofiċi diffiċli b'dehen u faċilità kbira u l-approwċ intellettwali tiegħu kien dejjem razzjonali u xjentifiku. Kellu għarfien profond tax-xjenza, partikolarment tax-xjenzi tal-ħajja li kienu jattirawh l-iktar. Kellu wkoll għarfien profond tal-psikoloġija umana. Huwa kellu moħħ analitiku tal-ogħla intelliġenza – intellett jilma bl-akutezza, kapaċi jħoll b'faċiltà problemi mill-iktar diffiċli, waqt li jħalli lil dawk li jisimgħuh imsaħħra.

أَشْهَدُ أَنْ لَّا إِلٰهَ إِلَّا اللّٰهُ وَحْدَهُ لَا شَرِيْكَ لَهُ وَ
أَشْهَدُ أَنَّ مُحَمَّدًا عَبْدُهُ وَ رَسُوْلُهُ
أَمَّا بَعْدُ فَأَعُوْذُ بِاللّٰهِ مِنَ الشَّيْطٰنِ الرَّجِيْمِ

بِسْمِ اللّٰهِ الرَّحْمٰنِ الرَّحِيْمِ ۝
اَلْحَمْدُ لِلّٰهِ رَبِّ الْعٰلَمِيْنَ ۝ الرَّحْمٰنِ الرَّحِيْمِ ۝
مٰلِكِ يَوْمِ الدِّيْنِ ۝
إِيَّاكَ نَعْبُدُ وَإِيَّاكَ نَسْتَعِيْنُ ۝
اِهْدِنَا الصِّرَاطَ الْمُسْتَقِيْمَ ۝
صِرَاطَ الَّذِيْنَ أَنْعَمْتَ عَلَيْهِمْ
غَيْرِ الْمَغْضُوْبِ عَلَيْهِمْ وَلَا الضَّآلِّيْنَ ۝ *

Wara n-Narrazzjoni Tradizzjonali u n-narrazzjoni tas-*Surah Al-Fatiha* (il-kapitlu tal-ftuħ tal-Koran Imqaddes), il-Kap tal-Komunità Aħmadija kompla hekk:

---

* Nagħti xhieda li m'hemmx alla ħlief Alla, il-Waħdieni, u nagħti xhieda li Muħammad huwa l-qaddej u l-messaġġier Tiegħu. Wara nfittex refuġju f'Alla minn Satana, il-miċħud. F'isem Alla, kollu Grazzja u Ħniena. Kull tifħir jappartjeni għal Alla, is-Sid tal-Univers kollu, kollu Grazzja u Ħniena, is-Sid ta' Jum il-Ġudizzju. Lilek biss inqimu u għall-għajnuna Lilek biss nitolbu bil-ħerqa. Mexxina fil-mogħdija tas-sewwa – il-mogħdija ta' dawk li fuqhom Inti tajt il-barkiet Tiegħek, dawk li ma ġibdux fuqhom id-dispjaċir Tiegħek, u dawk li ma tilfux triqatek. [Pubblikatur]

وَمَنۡ اَحۡسَنُ قَوۡلًا مِّمَّنۡ دَعَاۤ اِلَى اللّٰهِ
وَعَمِلَ صَالِحًا وَّقَالَ اِنَّنِىۡ مِنَ
الۡمُسۡلِمِيۡنَ ﴿٣٤﴾
وَلَا تَسۡتَوِى الۡحَسَنَةُ وَلَا السَّيِّئَةُ ؕ اِدۡفَعۡ
بِالَّتِىۡ هِىَ اَحۡسَنُ فَاِذَا الَّذِىۡ بَيۡنَكَ وَبَيۡنَهٗ
عَدَاوَةٌ كَاَنَّهٗ وَلِىٌّ حَمِيۡمٌ ﴿٣٥﴾

Mistiedna distinti, ir-rappreżentant personali tal-Prim Ministru tal-Kanada – l-Onorevoli Sergio Marchi – li qiegħed hawn ukoll fil-kapaċità tiegħu ta' ħabib antik personali; l-iktar sindku ġeneruża fost is-sindki tal-Kanada (l-Eċċellenza tagħha Lorna Jackson, Sindku tal-Belt ta' Vaughan, Ontario, Kanada) li tinsab magħna llum, Sinjuri.

Għażilt li naqra xi versi mill-Koran Imqaddes li jiġu kkwotati ta' spiss għall-fini tal-prietki – kif u għal liema fini għandhom jiġu mxandra. Iżda dawn il-versi għandhom messaġġ mhux biss għall-Musulmani (li jwasslu messaġġ lid-dinja kollha), iżda wkoll għall-bnedmin kollha billi jiġbdulhom l-attenzjoni għall-importanza li wieħed jirritorna lejn Alla u jsejħu oħrajn biex jimxu fil-mogħdija ta' Alla. Huwa fil-kuntest tat-tieni konnotazzjoni tal-versi li sejjer nindirizzakom illum wara nofsinhar, jew huwa qabel nofsinhar? Hu x'inhu l-ħin – dan l-indirizz qed jinstema' u jintwera madwar id-dinja kollha f'żoni ta' ħinijiet differenti! Għalhekk, illum naqsmu dawn l-erbgħa u għoxrin siegħa hawnhekk – f'dawn il-mumenti!

Il-versi li qrajtilkom jistgħu sempliċement jiġu tradotti hekk:

وَمَنْ اَحْسَنُ قَوْلًا مِّمَّنْ دَعَآ اِلَى اللّٰهِ

*Min hu isbaħ fi kliemu minn dak li jsejjaħ lill-mogħdija ta' Alla,*

وَعَمِلَ صَالِحًا

*kemm-il darba l-għemejjel tiegħu huma ġusti u sbieħ*. Is-sejħa tiegħu lejn Alla tikseb sens ta' sbuħija kemm-il darba jkun ġust fl-għemejjel tiegħu. Għalhekk, jekk isejjaħ għall-mogħdija ta' Alla u jkun ġust ukoll, ikun hemm ċans tajjeb li jiġri xi ħaġa, u dan iwassal għall-parti ċentrali ta' dan il-messaġġ:

وَلَا تَسْتَوِى الْحَسَنَةُ وَلَا السَّيِّئَةُ

*It-tjieba u l-ħażen ma jistgħux ikunu l-istess.* M'għandhomx l-istess piż jew l-istess valur; huma kompletament differenti.

اِدْفَعْ بِالَّتِىْ هِىَ اَحْسَنُ

*Bl-għajnuna tas-sbuħija u l-ġmiel, neħħi l-ħażen.* Dan hu l-uniku mod li bih tista' tbiddel l-għedewwa fi ħbieb li jiddedikaw ħajjithom għalik.

# Messaġġ Universali

Aħna ngħixu f'dinja fejn aħna mdawrin mill-kompetizzjoni u l-għira. Ngħixu f'dinja fejn l-inċertezzi u t-tħassib għall-paċi qiegħed dejjem jiżdied. Nemmen u ninsab konvint li dan il-messaġġ hu universali minkejja d-differenzi ta' razza, kulur, reliġjon jew twemmin. Dan il-messaġġ japplika b'mod partikolari għalik u għal kull min qiegħed nindirizza llum.

Dan hu hekk sewwasew għax hawn ma tissemma l-ebda reliġjon. Imkien m'hemm imsemmi li *'l-kelma tiegħu hi sabiħa għax issejjaħ għall-mogħdija tal-Iżlam'*. Minflok, tgħid li *'l-kelma tiegħu hi sabiħa għax isejjaħ għall-mogħdija ta' Alla'*, il-punt komuni u ċentrali ta' kull reliġjon u li madwaru jissejjes it-tagħlim tagħhom. *Allah, Alla, Parmatma, Wahe Guru*, kif ukoll kull isem ieħor attribwit Lilu – kull isem huwa sabiħ.

Li wieħed isejjaħ lin-nies biex jimxu fil-mogħdija ta' Alla hu essenzjali għas-salvazzjoni tal-bniedem tal-lum – iżda b'liema mod? Dan hu dak li se nispjegalkom bis-saħħa ta' dan il-vers li hu tant universali fl-applikazzjoni tiegħu li mingħajr l-ebda referenza lejn xi reliġjon partikolari jwassal messaġġ ta' paċi lill-bnedmin kollha mingħajr distinzjoni.

Is-sejħa lejn il-mogħdija ta' Alla tista' titqies ukoll bħala sejħa li kull membru ta' reliġjon għandu jagħmel billi l-ewwel jirreferi għar-reliġjon tiegħu, meqjusa minnu bħala l-mogħdija t-tajba. Dan hu qasam kompletament differenti fejn tidħol l-applikazzjoni ta' dan il-vers u mhux il-waqt li jiġi ttrattat issa – f'dan il-mument fl-erbgħa u għoxrin siegħa ta' din id-dinja!

# Il-Muftieħ għall-Paċi Dinjija

Li rrid nuri hu li llum il-bniedem hu mħabbel bi problemi li joffru futur inkwetanti għall-bnedmin inġenerali. L-idea li nistgħu nissieltu bejnietna għad-drittijiet rispettivi tagħna, u b'hekk niksbu l-paċi fid-dinja, hi assolutament falza – din mhix għajr bluha. Il-paċi ma *tistax* tissilitha ma' ħaddieħor! Biex tikseb, jew tittama li tikseb il-paċi, jeħtieġlek tissielet u tissara għall-kawża tat-tjieba u l-paċi. Dan hu l-iktar punt importanti u ċentrali fil-kisba tal-paċi fid-dinja. Hawn tinsab iċ-ċavetta vera għall-problemi tad-dinja, ċavetta li, bħala tali hi injorata dejjem. Fil-fatt mhix rispettata u ħadd ma jagħtiha l-attenzjoni li jixirqilha.

Il-Kanada ġejt kemm-il darba u xi bliet offrewli ċ-ċwievet tagħhom. Dawn jien irrispettajthom, bisthom u ħabbejthom; iżda ħadd ma ta kas taċ-ċavetta tiegħi, li fir-realtà – realtà iebsa – hi l-unika waħda li tista' ssolvi l-problemi tad-dinja.

Se nispjega kif. Kif tista' ssejjaħ lil Allah – lil Alla – u b'liema mod tista' tkun utli għall-umanità kollha?

# Politika Sekulari

Meta ngħidu li l-politika fid-dinja hi sekulari, dan ngħiduh kemm f'sens tajjeb kif ukoll f'sens ħażin. Hi sekulari f'sens tajjeb għax kull meta l-politika hi hekk ma tinterferixxix fil-qasam tar-reliġjon. Dan iwassal għal libertà totali – libertà mhux interrotta fejn jidħol id-dritt tal-individwu li jqim lil Alla kif jogħġbu u li jwassal il-messaġġ tiegħu lid-dinja. Fejn jikkonċerna dan l-aspett naf u nista' nikkonferma li dan il-Kanada rnexxielha tiksbu. Iżda dwar dan hemm iktar ukoll għax dak li qed nitkellem dwaru ma jikkonċernax biss il-libertà tal-għażla.

Il-politika tista' tkun sekulari f'sens negattiv ukoll. Il-politika jidher li hi kompletament maqtugħa mill-messaġġi reliġjużi u l-moralità li toffri r-reliġjon. Ma jimpurtax jekk il-politika ma tinteressax ruħha fil-ġlidiet ideoloġiċi, id-dommi u dak li joħroġ mit-taqtigħa ħarxa biex wieħed jirbaħ il-konvertiti. Iżda li ma tagħtix kas tal-messaġġi u tat-tagħlim morali tar-reliġjonijiet (li hu komuni u universali għar-reliġjonijiet kollha) jikkostitwixxi dak kollu li hu ħażin fil-politika.

Jekk ma nintroduċux dan l-element ġdid fil-politika, assolutament ma jistax ikun hemm tama ta' paċi; din mhix sempliċement stqarrija dommatika; u dan nista' nippruvah.

## Il-politika għandha tkun imsejsa fuq il-ġustizzja

Il-politika hi sekulari, iżda l-politika mhix ġusta; il-politika hi sekulari, iżda mhix universali. L-universalità tista' tingħadd biss mal-politika kemm-il darba jiġu applikati l-prinċipji universali tal-moralità. Dan hu sewwasew dak li l-politiku ma jagħtix kas. Il-politiku jaħseb li m'għandux jagħti kas ta' dan għax jemmen li biex ikun politiku veru jeħtieġlu jfittex l-interessi tan-nies tiegħu. Għalhekk, kull politiku, bħala parti minn sistema u mhux fuq bażi individwali, għandu żewġ faċċati – faċċata li tħares 'il ġewwa u faċċata li tħares 'il barra – u hemm paradoss qawwi bejn dawn iż-żewġ faċċati.

Huwa d-dmir ta' kull politiku li jkun leali lejn in-nies tiegħu. Dan hu tajjeb, sewwa u kif jixraq. Saħansitra meta l-ġustizzja titlob mill-politiku li jmexxi 'l quddiem il-kawża ta' pajjiż ieħor – il-lealtà tal-politika tibqa' xorta marbuta biss f'dik id-direzzjoni.

Dan hu aspett inkwetanti ieħor tas-sekulariżmu li jostakola t-triq u l-passaġġ għall-paċi.

# ‘L-Ordni Dinjija’

Forsi smajtu kemm-il darba l-Presidenti Amerikani jgħidu b’vuċi għolja, ‘*Issa se ndaħħlu era jew Ordni Ġdida Dinjija?*’ Kliem vivaċi, iżda kif ikun din l-ordni dinjija?

Dan xi dominju totali tal-Istati Uniti fuq il-kumplament tad-dinja? Hi din xi ‘Ordni’ ta’ paċi imposta fejn nazzjonijiet dgħajfa li ma jkollhomx għażla għajr dik li jsegwu l-ordnijiet ta’ poplu iktar b’saħħtu – isegwu l-ordnijiet sal-inqas dettall?

Definizzjonijiet ġodda ta’ ġustizzja jsiru ’l hawn u ’l hinn u jinbidlu kontinwament għax mhumiex ibbażati fuq prinċipji reliġjużi assoluti. Il-ġustizzja tfisser mod fil-Kuwajt – fl-applikazzjoni tagħha għas-sitwazzjoni tal-Kriżi tal-Golf. Tibdel it-tifsira fl-applikazzjoni tagħha għas-sitwazzjoni tal-Palestina. Tibdel id-definizzjoni fil-każ tas-sitwazzjoni tal-Istati fl-Amerika Ċentrali u fl-Amerika t’Isfel. Tibdel id-definizzjoni fl-applikazzjoni tal-politika tal-Ewropa tal-Lvant, partikolarment fil-kwistjoni tal-Bosnja. Tibqa’ tibdel, minn żmien għal żmien, id-definizzjoni tagħha u huwa tal-għaġeb kif dan il-logħob isir f’isem l-unur, il-ġustizzja u l-paċi dinjija; u ħadd ma jsemma’ leħnu dwar dan.

Din hi logħba fiergħa! Qisna pupazzi mġebbda minn uċuħ moħbija wara l-uċuħ politiċi. Meta se nistenbħu għar-realtajiet tal-ħajja, u kif se nbiddlu l-wiċċ tal-politika sabiex issir universali – u l-politika m’għandhiex żewġ uċuħ iżda wiċċ wieħed. Jekk ma nilħqux dan l-għan – dan l-għan nobbli – ikun impossibbli li tiġi stabbilita xi ‘Ordni Dinjija’ fid-dinja.

# L-Unika Soluzzjoni Possibbli

Il-Koran Imqaddes joffri fil-fatt l-unika soluzzjoni possibbli. Jiġbdilna l-attenzjoni billi jgħidilna, "Sakemm ma ssejjaħx il-bniedem lejn Alla, l-ebda problema li qed jaffaċċja ma tista' qatt tkun solvuta." Il-Koran Imqaddes ma jirreferi għall-ebda reliġjon – dan hu l-iktar punt importanti. Ma jgħidx li sakemm ma tkunx Musulman, Sikhs, Hindu, Kristjan, Lhudi jew xi ħaġa oħra – il-problemi ma jistgħux jiġu riżolti. L-ebda reliġjon ma tissemma bħala soluzzjoni għall-problemi tad-dinja – biss li għandek timxi fil-mogħdija ta' Alla.

Kif jistgħu l-politiċi jissieħbu f'din it-taqbida, jew f'din il-gwerra qaddisa kontra l-ħażen fl-interess komuni u universali tal-bniedem? X'inhuma t-toroq ta' Alla? Liema Alla għandek issejjaħ? Dan hu dak li kien spjegat fil-versi li ġejjin u hu l-punt kruċjali li ġej għalih: Xi trid tfisser meta tgħid 'Issejjaħ lil Alla'? Kif nafu min hu Alla? Minn liema reliġjon sejrin nitgħallmu?

# X'inhi t-Tjieba?

Il-Koran Imqaddes diġà ta tweġiba għal dawn il-mistoqsijiet: qabel il-ħolqien tiegħu, Alla ħalla fin-natura tal-bniedem *il-Kunċett Universali ta' Alla*; u kulma jrid jagħmel hu, li jħares ġewwa fih – il-kuxjenza tiegħu – biex isir jaf min hu Alla. Alla hu Sbuħija – Alla hu Tjieba. U kull bniedem jaf x'inhi sbuħija u x'inhi tjieba. Il-kwalitajiet kollha ta' Alla huma familjari miegħek għax dawn huma l-istess kwalitajiet li hu niseġ fin-natura tiegħek. Meta tara l-verità, din dejjem tattirak. Meta tara s-sbuħija, tinġibed lejha bħal kalamita b'mod naturali. B'hekk 'is-sbuħija' hi simbolu tal-kwalitajiet ta' Alla u dawn il-kwalitajiet huma familjari mal-umanità kollha irrispettivament mill-ġografija, il-pajjiż, ir-razza eċċ. Issa, x'inhu Alla f'dan is-sens – fis-sens

tal-universalità? Huwa veru, Huwa mimli kompassjoni, u Huwa mimli mħabba. Hu jagħti kas ta' dawk li ma jistgħux jieħdu ħsieb tagħhom infushom. Huwa ġust, assolutament ġust, iżda fl-istess ħin Huwa ħanin u jaf jaħfer.

Dawn huma kollha elementi li jistgħu jiddaħħlu f'kull tip ta' politika mingħajr ma tkun kompromessa l-pożizzjoni sekulari tal-politiku. F'dan is-sens tkun qed titkellem fuq valuri sekulari li m'għandhomx il-libsa ta' xi reliġjon partikolari – mhux taħt il-kappa ta' xi isem. Dawn huma sempliċement valuri komuni bejn il-bnedmin kollha u huma l-istess universalment; u huma propju dawn li lejhom qed niggwidakom.

# It-Tjieba tinsab fikom!

U meta l-Koran Imqaddes jgħid 'Irritorna lura lejn Alla u sejjaħ lil Alla' irid ifisser li, 'it-tjieba kollha li taħseb li Alla hu, u l-kwalitajiet kollha li taħseb li għandu, *iridu jkunu Tiegħu*, għax inti stess tirrispetta propju dawn il-kwalitajiet f'din id-dinja'. Madankollu, tirrispettahom biss meta jkunu favur tiegħek. Taf li dawn jixirqilhom ir-rispett tiegħek iżda xorta waħda tiċħadhom. Il-kuxjenza tiegħek tgħidlek li qed tagħmel għażla żbaljata għax dawn huma l-istess kwalitajiet li tħobb b'mod intrinsiku u intwittiv – jitwieldu miegħek, tgħix bihom u tistenna li kulħadd jittrattak daqslikieku kien Alla bil-kwalitajiet sbieħ Tiegħu li qiegħed jittrattak.

Jekk xi ħadd ikollu x'jaqsam miegħek f'xi qasam li jinteressa lill-bnedmin – politiku, ekonomiku jew xi aspett soċjali ieħor tal-ħajja tal-bniedem – u hu onest miegħek, inti tirrispettah għall-onestà tiegħu. Jekk ikun ħanin u jgħinek fi ħwejjeġ fejn int ikollok bżonn l-għajnuna, ma jagħmilx sens li tiċħad din l-imġiba f'isem is-sekulariżmu, sempliċement għax dawn huma 'imġibiet morali

– huma mġibiet qaddisa – u għalhekk ma nagħtux kashom’. Jekk nagħmlu hekk dan ikun ġenn!

# Ritorn lejn il-kwalitajiet universali ta’ Alla

Għalhekk, qed nitlobkom biex mill-‘ġenn’ tgħaddu għall-għerf għax dal-ġenn jista’ jkun verament infettiv meta l-bniedem ikollu x’jaqsam ma’ pajjiżi, interessi u gruppi rivali. F’dawn is-sitwazzjonijiet il-bniedem jippreferi li dak li jkun jimxi miegħu bil-kwalitajiet ta’ Alla, iżda fl-istess ħin jippreferi li jimxi ma’ ħaddieħor b’mod differenti għax f’dal-każ ikollu jħallas billi jagħmel is-sagrifiċċji.

Għaldaqstant, dan hu l-messaġġ li ngħaddi lilkom u lill-kumplament tad-dinja permezz tagħkom: **Irritornaw mill-ġdid lejn il-kwalitajiet ta’ Alla, li huma universali u bla preġudizzji.**

U mingħajr dan il-qawmien mill-ġdid – mingħajr dan l-għerf dejjiemi u universali – ma tistax issolvi l-problemi tal-bniedem. L-ebda setgħa fid-dinja ma tista’ tagħmel dan. Hu prattikament impossibbli sakemm il-poteri kollha ma jirritornawx għall-‘ġustizzja assoluta’ u l-poteri jirritornaw għall-moralità assoluta f’kull forma. Madankollu, fejn tinsab din il-‘ġustizzja assoluta’? Kif nistgħu nsolvu din il-problema?

Il-politiċi mhumiex ‘imġienen’ – dan nafuh; huma persuni mogħnija bl-għerf, kieku ma kinux jilħqu fejn laħqu – xi kultant a skapitu tal-moralità!

Qed ngħixu f’dinja ta’ negozjar, fejn jirrenjaw l-interessi

individwali u fejn il-moralità tiġi aċċettata u rispettata kemm-il darba jaqbel lilek, u qatt meta jaqbel l-avversarju. Hawn fejn tinsab id-dilemma – din hi l-kriżi globali li qed inħabbtu wiċċna magħha; u l-Koran Imqaddes ifakkar li dan għandna nirranġawh għax b'hekk biss nistgħu nimxu 'l quddiem.

# L-Immoralità fil-Bniedem

L-iskop aħħari wara l-versi li għadni kif semmejt hu li *'ndawru l-għedewwa fi ħbieb'*. Kif nistgħu nwettquh dan – kif nistgħu nagħmlu hekk mingħajr ma nħallu warajna l-mibegħda?

Jekk tibqa' l-mibegħda, dan ikun dovut għall-qerq li għandhom il-bnedmin fl-attitudni bażika tagħhom tal-ħajja, minkejja li huma maħluqa għat-tajjeb. Madankollu, dovut għall-għażliet tagħhom u dovut għall-ħerba li jagħmel l-ego fuq it-tajjeb tal-bniedem, fl-aħħar analiżi, il-bniedem joħroġ bħala annimal immorali – u kien propju dan li Karl Marx kiteb dwaru.

Kien propju hawn fejn qiegħed l-ewwel ġebla tas-soċjaliżmu xjentifiku tiegħu: hu kien jemmen li r-rapporti bejn il-bnedmin ma jistgħux jiġu rranġati jew stabbiliti kemm-il darba dawk il-fatturi responsabbli għar-rivalitajiet u l-klassijiet tas-soċjetà ma jiġux eradikati kompletament u l-bniedem imqiegħed fuq livell wieħed, mingħajr tlugħ u nżul. F'każ ta' livelli differenti, u l-bniedem ikun immorali, hu dejjem se jara kif jagħmel biex itajjar lil ta' fuqu biex hu jieħu posthom, saħansitra billi jgħaddi minn fuq ras ħaddieħor! Dan hu dak li ra u sa ċertu punt dan jagħmel ħafna sens.

Iżda biex tindirizza l-immoralità fil-bniedem b'sistema immorali hija fiha nfisha kontradizzjoni. **Fid-dinja l-ebda sistema ma tista' taħdem mingħajr moralità.** Dan hu dak li Karl Marx

konvenjentement nesa, u propju minħabba din l-ammissjoni li d-dinja Komunista kellha tħallas prezz qares għal dan in-nuqqas ta' moralità.

Jintqal li l-Komuniżmu falla. Jien ngħid, "Le!" Naturalment, il-Komuniżmu kellu d-dgħufijiet strutturali tiegħu, naf, iżda kienet l-immoralità li wasslet għall-waqgħa tal-Imperu Komunista. Dan għax il-kustodji tal-Komuniżmu kienu immorali. Kienu ħalja u għamlu użu immorali mill-poteri għad-dispożizzjoni tagħhom. Li kieku mxew sew, dak li rajna jseħħ lill-ħajt ta' Berlin ma kien iseħħ qatt. Kienet tkun dinja oħra ta' Komuniżmu li ċertament kienet taqa' iktar tard iżda mhux daqshekk malajr.

# Ekonomija dejjem iktar b'saħħitha

Lura lejn il-kwistjoni, x'inhi l-imma tal-problema li kont qed niddiskuti, u kif nistgħu nsolvuha? Il-Koran Imqaddes ifakkarna biex nirritornaw lura għall-*kunċett ta' Alla*. F'dan ir-rigward, mhux qed inħares lejn dan il-vers mil-lat ta' prietkar, iżda mil-lat ta' 'nsejħu lill-bniedem lura lejn Alla'.

Kif nistgħu nsejħu 'l-politiku lura lejn Alla? Teżisti problema għal dan: anke jekk hu jkun konvint minn dak li qed ngħid u mis-sinċerità li bih qed ngħidu, huwa impossibbli għall-politiku biex jirritorna għall-Moralità Assoluta u għal Alla. Dan għax il-politika hi mmexxija madwar id-dinja mill-ekonomija.

L-ekonomija tiddetta l-kundizzjonijiet tagħha lill-politika, u sakemm il-bniedem jibqa' egoist – u l-bniedem huwa egoist – impossibbli li jinjora l-interess ekonomiku ta' pajjiżu f'isem xi moralità. U hemm fejn tinbet il-problema – hemm fejn il-problema tidħol iktar fil-fond – safrattant in-nies ma jarawx is-sinjali. Qed ngħixu f'dinja ġdida. L-affarijiet qed jinbidlu,

alleanzi ġodda qegħdin fuq ix-xefaq u qed jiffurmaw entitajiet ġodda – kollu minħabba l-biża' li jitnissel mill-fatturi ekonomiċi; kif huma l-għażliet dwar jekk għandikx tkun fuq in-naħa ta' ċerti nazzjonijiet jew oħrajn. F'ċirkostanzi bħal dawn l-ekonomija hi dik li tiddetta l-għażliet tiegħek.

Jekk inħarsu lejn l-istorja kollha tal-kunflitti bejn il-bnedmin – inkluż l-istorja tal-kolonizzazzjonijiet mill-qawwiet Ewropej tal-kumplament tad-dinja – nindunaw li kienet l-ekonomija u l-ekonomija biss li kellha rwol daqshekk ċentrali. Bħala tali, jekk l-ekonomija hi diżonesta, ħalja u mingħajr l-ebda moralità, jew jekk hu l-ego li jikkmanda l-ekonomija tal-bniedem, mela sempliċement prietka fuq it-tjieba, b'saħħitha kemm hi b'saħħitha, ċertament se tfalli milli ġġib bidla fis-sistema politika madwar id-dinja.

Għalhekk, titkellem kemm titkellem fuq il-ġustizzja, kif se jirnexxilek tirrendiha munita valida fl-affarijiet tal-bniedem? Issa se ndawwar ħarsti lejn dan.

# Il-kapitaliżmu u l-ekonomiji msejsa fuq l-interessi

Importanti nirrealizzaw li f'din id-dinja kompetittiva l-ekonomiji qed ifallu minħabba s-sistema Kapitalista. Għalhekk tantx tifirħu bl-hekk imsejħa rebħa tal-Kapitaliżmu fuq il-Komuniżmu. Tissorprendux ruħkom imma l-Kapitaliżmu għandu wkoll id-difetti intrinsiċi tiegħu. **Kull sistema finanzjarja mibnija fuq l-użura jew l-interess hi ddestinata li twassal għal kriżi ekonomika globali.**

Ma nixtieqx inkompli nespandi fuq dan l-aspett. Kemm intom il-mistidnin kif ukoll ospitanti, kollha intom nies intelliġenti

u b'ċertu livell ta' edukazzjoni, u għalhekk nittama li tieħdu l-messaġġ li **'l-ikbar għadu tad-dinja hi ekonomija bbażata fuq sistema tal-użura u l-interessi'.**

Hi propju din is-sistema Kapitalista li tmexxi lid-dinja lejn kriżi finanzjarja waħda wara l-oħra – li mbagħad twassal għall-gwerer globali. Ħarsu lura lejn l-istorja tal-Ewwel Gwerra Dinjija; morru lil hinn mill-istorja tal-Ewwel Gwerra Dinjija u ħarsu lejn il-kawżi tal-ewwel u t-tieni gwerer dinjija. Tinnotaw li jkun hemm dejjem kriżi ekonomika globali li tippreċedi dawn il-ġrajjiet – riżultat dirett tas-sistema Kapitalista bbażata fuq l-użura u l-interessi. Din tagħmel straġi mill-paċi u s-sigurtà tagħkom; l-industrija u l-kummerċ tagħkom. Ma tarawhiex għax għomja – mogħmija mill-fattur tal-ego u mill-interessi immedjati tagħkom. Din hi l-ikreh parti li l-ego jilgħab fuq il-ħajja tal-bniedem. L-ego jara biss fil-viċin. Dak li jrid, iridu *hawn* u *issa* u ma jinteressahx iħares 'il quddiem fiż-żmien biex jara l-effetti tal-attitudni egoista tal-bniedem illum.

Mill-ġdid, nixtieq inżomm fil-qosor, iżda s-suġġett hu vast immens u tridu tkunu konvinti minn dak li qed ngħidilkom; inkella "Ejja lura lejn Alla" ma tkun tfisser xejn.

# Il-flus ma jikbrux waħedhom

Immaġinaw, għal mument wieħed, li qegħdin bilqiegħda fuq fergħa li qed tqaċċtu min-naħa l-ħażina – din inevitabbilment trid taqa', bikom fuqha! Din rajtuha sseħħ qabel kemm-il darba. Għada se terġgħu tarawha sseħħ mill-ġdid, sakemm ma tagħrfux immedjatament il-ġenn li jinsab fit-tennija ta' żbalji li dejjem wasslu lid-dinja fi gwerer mill-ikreh. Sa issa l-ekonomisti u l-politiċi għadhom ma sabu l-ebda metodu ta' kif jistgħu jbiddlu għall-aħjar l-ekonomija tad-dinja.

Dan għar-raġuni li s-sistema sħiħa globali hi bbażata fuq il-filosofija Kapitalista tal-interessi li, min-naħa tagħha, hija bbażata fuq l-idea żbaljata li l-flus akkumulati, jekk mhux imħaddma, iridu jiżdiedu. Jinsew li **l-flus ma jistgħux jitkattru sakemm mhux miżżewġa mal-fakultajiet umani**. Jistgħu jiżdiedu kif ukoll jitilfu l-valur u din il-parti aħħarija – din it-tieni realtà – għadha ma feġġet imkien f'moħħ l-ekonomisti. Jibqgħu jħarsu lejn il-flus bħallikieku dawn jistgħu JIŻDIEDU waħedhom.

Għalhekk dak li tiddepożita fil-banek jiżdied favurik, filwaqt li dak li tissellef mill-banek irid jiżdied favur il-banek. Iżda, dan kollu jsir mingħajr ġustizzja għax l-id li tislef hi ferm iktar b'saħħitha mill-id li tissellef. Għalhekk, fis-sistema Kapitalista, huma l-banek li jiddettaw il-kundizzjonijiet tas-self u għalhekk is-soċjetà tinsab fuq in-naħa żvantaġġjata. Mill-ġdid, dan hu suġġett li jrid jiġi elaborat iżjed iżda ħin għal dan m'għandniex.

# Qed tissellef mill-futur tiegħek

Fil-qosor, nassigurakom li sakemm l-ekonomija globali tibqa' titmexxa fuq is-sistema tal-interessi, m'hemm assolutament l-ebda tama għall-bniedem. Dan mhux pessimiżmu imma realiżmu!

Ġibu quddiem għajnejkom x'tagħmlu lil nieskom, lill-ekonomija u lill-futur tagħkom jekk tippermettu liċ-ċittadini jonfqu dak li għadhom ma qalgħux – jissellfu mill-futur tagħhom bi prezz verament għoli! Din hi sewwasew is-sistema ekonomika fid-dinja bħalissa. **Permezz tal-banek il-persuna għandha l-opportunità li tissellef – mhux mill-banek – imma mill-futur tagħha!** Hi jkollha tħallas lura lill-banek u ferm iktar dak li trid taqla' fil-futur. Is-self tagħha jimmultiplika u r-responsabiltà

biex tħallas lura, jimmultiplika wkoll.

Meta tħarsu lejn kampjun rappreżentattiv ta' soċjetà bħal din (b'mod partikolari l-ekonomija kollha tal-Punent u ekonomiji oħra li jiddependu fuqha), tirrealizzaw immedjatament li tal-inqas qed jistagħnew u qed jiffjorixxu b'mod superfiċjali b'dan il-mod:

Il-banek jisilfu l-flus lil dawk li jonfquhom biex b'hekk jiżdidilhom il-poter tal-akkwist. Biż-żieda fil-poter tal-akkwist tiffjorixxi l-industrija bħalma tagħmel l-ekonomija u dan iwassal għal żieda qawwija fl-attività ekonomika. B'riżultat ta' dan kulħadd ikun ferħan, "Irrid friġġ – Irrid friżer – Irrid majkrowejv! Dawn impossibbli nixtrihom bil-flus li qed naqla' għalhekk, bis-saħħa tal-banek, nissellef mill-futur tiegħi u b'liema prezz? Nissellef mitt dollaru u jkolli nħallas lura, tliet, erba', ħames mitt dollaru, jew saħansitra iktar".

# Il-kollass ta' dawn l-ekonomiji

Għalhekk, jiġi żmien meta s-sistema kollha tikkollassa. M'hemm xejn għall-banek iżjed x'jisilfu sakemm ma jdaħħlux lura dak li silfu.

Barra minn hekk, f'perjodi bħal dawn ta' inflazzjoni l-poter tal-qligħ ukoll jiġi affettwat negattivament. Ta' spiss, meta tissellef mill-futur tiegħek u żżid mal-qligħ preżenti, tkun kapaċi taqla' iżjed; iżda meta jkollok tħallas minn imnieħrek, il-poter tal-qligħ tiegħek jonqos. Dak li jkollok tħallas lura jkun ferm ikbar minn dak li tkun irċevejt.

Huwa f'ċirkostanzi bħal dawn li jikkollassaw l-ekonomiji – impossibbli biex issostnihom. L-industriji jagħlqu l-bibien

tagħhom, ċentri kummerċjali kbar jagħlqu u jkun hemm rassenjazzjoni ma' kullimkien. Is-sitwazzjoni tkun tista' tiġi rimedjata biss bl-espansjoni tas-swieq tal-bejgħ għall-kumplament tad-dinja għax, b'din is-sistema, ikun impossibbli żżomm ir-rata tat-tkabbir bis-saħħa tas-suq intern waħdu. Xjentifikament dan huwa magħruf bħala *materjaliżmu djalettiku* (dialectical materialism). Marx ma ħarisx lejn din is-sitwazzjoni b'dan il-mod iżda m'aċċettax il-kapitaliżmu abbażi tal-użura. Din kienet ir-raġuni, kif fehemha hu, taċ-ċaħda tal-kapitaliżmu f'kull forma. Iżda Marx mhux is-suġġett tad-diskussjoni tagħna, għaldaqstant ma nixtieqx niddiskutih iżjed.

# It-tiftix bla heda għal swieq ġodda

Nixtieq niġbdilkom l-attenzjoni għall-fatt li kull darba li l-ekonomiji jaslu fl-istadju finali tat-tiġrif u l-kriżi, ikun hemm sforzi mgħaġġla mill-gvernijiet biex dawn ikabbru s-swieq tagħhom barranin. Riżultat ta' dan ikun hemm tellieqa li twassal għal għira kbira. Ħbieb u persuni li jappartjenu għall-istess grupp ma jibqgħux jafdaw lil xulxin iktar għax il-politika hi immorali – hi sekulari – u l-interess tan-nazzjon jirbaħ fuq kollox. Kull interess ieħor jispiċċa biex jiġi ssagrifikat fuq l-altar tal-interess personali.

Għalhekk, meta tfittex swieq barranin, dan ikun ifisser li l-ekonomiji kollha jkunu qed isofru mill-istess problema – u fl-istess ħin! – għax meta fid-dinja tiżviluppa kriżi finanzjarja din tiżviluppa fuq medda ferm ikbar minn dik tal-pajjiżi individwali. Għalhekk, dak li jsegwi tkun propju ġirja miġnuna għall-kisba tas-swieq barranin, u jekk dawn ikunu ftaqru b'tali mod li ma jkunux jistgħu jsostnu l-ekonomiji, allura l-kriżi tkun doppja u s-sitwazzjoni tista' taħrab barra mill-kontroll iktar kmieni milli wieħed jaħseb.

# Gwerra dinjija inevitabbli

Bħala tali, it-Tielet Gwerra Dinjija ma tistax tiġi evitata bil-logħob politiku. Nitħassar lil min jaħseb li dan jista' jsir. Il-fatti konkreti li poġġejt fil-beraħ quddiemkom jiċħdu l-possibiltà li xi forma ta' logħob politiku jista' jwassal għall-kisba tal-paċi fid-dinja jew għall-ġustizzja u trattament onest fil-kwistjonijiet bejn il-bnedmin.

# Politiċi onesti?

L-ekonomija hi dik li tirrenja fuq kollox – dik li tiddetta kollox – u l-politiku, jekk onest, ma jkunx jista' jżomm postu f'pajjiżu minħabba r-'reat' għax hu onest. Ikollu jħalli postu biex persuni diżonesti jkunu jistgħu jieħdu post il-politiku onest li ma jafx jagħmel kompromess mal-kuxjenza tiegħu.

# L-ewwel ikkoreġi lilek innifsek

Hu propju għal dan li l-Koran Imqaddes qed jiġbed l-attenzjoni tiegħek. Hu jgħid "Sejjaħ id-dinja għall-mogħdijiet ta' Alla – għall-attributi ta' Alla". Iżda qabel tagħmel dan, ikkoreġi lilek innifsek. Tagħmilx sejħa f'isem Alla biex tressaq lill-bniedem lura lejn Alla filwaqt li int għadek imbiegħed minnu.

Iflu d-dikjarazzjonijiet grandjużi magħmula mill-presidenti tas-superpotenzi dinjija, tal-lum u tal-bieraħ. Dawn dejjem jitkellmu b'mod pożittiv – dejjem jitkellmu favur il-'paċi dinjija', favur il-ġustizzja – iżda dan kollu japplika għal pajjiżhom ukoll? Pajjiżhom jinsab fil-paċi jew le? Jekk jinsab fl-inkwiet, jekk il-kriminalità hi rampanti, jekk il-paċi tinkiser f'kull triq u titfarrak

f'kull dar, mela d-dikjarazzjoni nobbli li sservi bħala stedina għall-paċi u biex in-nies jersqu lejn Alla mhix għajr għajta vojta u bla sens – jekk mhux ukoll frodi! Din mhix għajr dikjarazzjoni bla sens u qarrieqa kontra d-dinja. L-ewwel kundizzjoni magħmula mill-Koran Imqaddes hi sewwasew dik li tgħid li, qabel ma tkun intitolat li sejjaħ lid-dinja lejn Alla – lejn l-attributi ta' Alla – għandek turi dawn l-attributi fil-kondotta u l-imġiba tiegħek stess.

Jista' dan iseħħ? Dan hu l-punt – jista' dan iseħħ illum? Filwaqt li żżommu quddiem għajnejkom dak li għadni kif ippreżentajtilkom, sibu tweġiba minnkom infuskom. Dan mhux pessimiżmu. F'ġieħ Alla l-imbierek. Ifhmuni sew – dan hu realiżmu mwassal sal-punt l-iktar importanti. Din hi xi ħaġa inevitabbli – impossibbli tbiddel wiċċ id-dinja mingħajr ma tagħraf il-forzi u l-fatturi li għadni kif ippreżentajtilkom.

# Il-'mafjużi' tal-kapitaliżmu

L-ewwel mistoqsija li trid tiġi mwieġba hi kif l-ekonomija tista' tiġi riformata mingħajr ma l-kriżi tiġi mgħoddija lill-kumplament tad-dinja? Il-problema mhux qiegħda biss fis-sistema kapitalista, iżda wkoll fit-'tfal tal-kapitaliżmu' – il-'Mafjiet' tal-flus li jinħolqu fil-proċess ta' gvernijiet jew ekonomiji kapitalisti. Meta l-flus isiru kollox, il-materjaliżmu jsir l-għan ewlieni tiegħek tal-ħajja u ma tibqax tara lil hinn minn dan kollu, imbagħad tibda titmexxa iktar minn qatt qabel mill-egoiżmu tiegħek u ma tagħtix iktar kas tal-valuri.

Imbagħad il-'Mafjiet' jikbru f'isem il-mużika moderna, it-tiftix għal metodi moderni ta' pjaċir, u dik u l-oħra, u ssir dipendenti fuq affarijiet foloz li l-ekonomija ma tistax issostni. Dan hu aspett ieħor tal-problema u, imżewweġ ma' dak li għedt diġà, din

l-attitudni tagħmel ħerba mill-paċi umana u mill-opportunitajiet futuri għall-paċi bejn il-bnedmin.

Dawn il-'Mafjiet' huma b'saħħithom ferm. Intenzjonalment jippervertu l-gosti biex il-ħakma tagħhom fuq is-settur tal-ekonomija jkun totali u permanenti. U l-perverżjoni tal-gosti tas-soċjetà sa livelli li l-istess soċjetà ma tistax tilħaq twassal għall-kriminalità, għad-diżordni, u l-ksur tal-paċi fid-djar, it-toroq u l-ibliet tagħkom.

Dan hu dak li qed jiġrilkom, kif m'intomx tintebħu? Qed tpoġġu fuq pjattaforma li miexja lejn xifer l-irdum – kaskata. Meta tilħaqha, ma jkunx hemm mod kif terġa' lura! Għalhekk, f'ġieħ Alla, iftħu għajnejkom għal dawn ir-realtajiet. **Jekk ma tirritornawx lejn Alla, m'hemm assolutament l-ebda tama għall-bniedem.**

# Baxxi l-livell tal-għajxien tiegħek

L-ewwel kriterju għall-politiku biex ikun kapaċi jkampa ma' dawn il-problemi tkun l-abbiltà tiegħu li jsejjaħ l-affarijiet kif inhuma. Kriterju sempliċi ħafna iżda diffiċli ferm biex jiġi mwettaq.

Meta l-politiku jagħraf li titjib fil-livell tal-ħajja hu impossibbli f'ċertu punt tal-ekonomija, ħlief b'detriment għall-valuri morali, hu għandu jreġġa' lura lin-nies għal livell ta' għajxien iktar baxx. Dan mhux biss possibbli, iżda wkoll essenzjali għas-sopravivenza tiegħek – għas-sopravivenza ta' kull ekonomija. Iżda dak il-politiku li jiddikjara "sejjer inbaxxilek b'mod sostanzjali l-livell tal-għajxien – għal-livell li jista' jkun sostnut mill-ekonomija" jiġi mitfugħ 'il barra mill-politika. Mill-ġdid, sfortunatament, din toffri dilemma – dan jiġri għax il-gosti tan-nies tħallew jiġu

mħassra. Qed isir wisq tard biex il-politiku jagħmel xi ħaġa dwar dan. Meta jippermetti l-formazzjoni ta' dawn il-'mafjiet', tar-radju, tat-televiżjoni u tal-industrija tar-riklami, eċċ., ikun qed jiġġieled kawża kontrih innifsu. Ma jkun jista' qatt jippermetti lin-nies biex jaraw ir-realtà. Għalhekk ikun rikeb il-quċċata ta' mewġa miexja b'ritmu qawwi lejn katastrofi li minnu m'hemmx ritorn.

## Il-politiċi għandhom jingħaqdu għal din il-kawża

Skont il-Koran, l-ewwel parir li għandi nagħti hu biex dak li jkun jirritorna lejn is-sempliċità tal-ħajja – għar-realtajiet tal-ħajja. Issielet kontra l-ħażen bl-għajnuna ta' *Hasanah*, li tfisser tjieba. Għalhekk, issielet kontra l-ħażen tas-soċjetà b'kunċett li hu bażikament tajjeb. Għandek tgħidilhom li "għandna ngħixu fil-limiti tal-kapaċitajiet tagħna; għandna nitgħallmu naqsmu l-miżerji tal-oħrajn; irridu nitgħallmu naqsmu l-ferħ tagħna mal-oħrajn fil-pajjiż fejn ngħixu. Sakemm m'aħna lesti biex nagħmlu dan, impossibbli biex inbiddlu r-relazzjoni internazzjonali bejn poplu u ieħor".

Ippruvawha f'darkom l-ewwel! Jekk tagħmlu gwerra kontra l-ħażen b'mod unit – jekk il-partiti politiċi kollha jaqblu dwar il-fatt: 'li hu pprojbit li wieħed jieħu vantaġġ minn din id-dilemma – u kollha kemm aħna nitkellmu l-istess lingwa, u niġġieldu l-interessi rispettivi tagħna fuq materji oħra, u mhux fuq il-materja tal-moralità' – jekk ikunu magħquda, u jekk ikollhom il-kuraġġ u l-għerf jingħaqdu fuq din il-materja, allura hemm it-tama – il-possibiltà li l-affarijiet jibdew jinbidlu.

# Il-Kanada bħala mudell għad-dinja

U meta qabel għedt li "rrid il-Kanada tkun id-dinja u d-dinja tkun il-Kanada", f'dan is-sens kont qed nitkellem – u mhux f'termini ġeneralizzati, naturalment. Dan hu kumpliment, iżda wieħed ġej minn persuna reliġjuża li tħobb il-verità. Dan mhux kumpliment vojt intiż biex jagħtikom gost b'sempliċi frażi.

Li ridt u għadni rrid infisser hu li fil-Kanada nara xaqq dawl għax naf il-politiċi – ngħid li saħansitra l-politiċi huma innoċenti fil-fond ta' qalbhom. Huma jridu t-tjieba. Huma mhumiex mekkanizzati – mhumiex anqas totalment formalizzati. Għad hemm sens uman wara l-attitudnijiet tagħhom li ma tantx issibu fil-politika – fil-fatt hu uniku fil-Kanada.

Għalhekk hu b'dan il-karattru Kanadiż li nittama li nkun nista' naħdem għaliex hawn il-komunità għandha ċans ikbar tipperswadi lill-Kanadiżi jaraw ir-realtajiet tal-ħajja bl-istess mod li narahom jien – bil-mod kif uriehomli l-Koran Imqaddes – u tikkonvinċihom li din mhix kwistjoni ta' messaġġ tal-Koran, jew kwistjoni ta' messaġġ tal-Iżlam, iżda hi kwistjoni ta' messaġġ tal-qalb – li hi universali – u li dwarha tista' tixhed miegħek innifsek li hi vera.

# Il-verità u s-sagrifiċċji ekonomiċi

Għalhekk, kif għedt, kunu realistiċi u din hi l-verità. Il-verità mhix qiegħda sempliċement hemm biex tagħti xhieda ta' dak li għamel dak jew m'għamilx l-ieħor – il-verità hi ferm iktar profonda u għandha implikazzjonijiet ferm iktar mifruxa. Tippenetra kull sfera tal-ħajja tal-bniedem sal-għerq tal-intenzjonijiet. Għalhekk kif għedt bl-iktar mod sempliċi, il-verità hi għarfien tar-realtà.

Għandek tgħid lill-poplu tiegħek li impossibbli tbiddel in-nuqqasijiet ekonomiċi mingħajr ma tbaxxi l-livell tal-għajxien u mingħajr ma taqsam ftit mill-miżerja u testendi ftit mill-ferħ lin-nies ta' pajjiżek. Imbagħad, is-sistema ekonomika kollha kemm hi jkollha tinbidel.

**Dan it-tnaqqis fil-livell tal-għajxien mhuwiex kastig, iżda hu pjaċir! Dak li qed ngħid jista' jidher stramb, iżda hu veru. Jekk tbaxxi l-livelli tiegħek għal kawża tajba u ġusta, tikseb minflok sens ta' nobbiltà - sens ta' nobbiltà mwieled miegħek li hu premju fih innifsu! Ma tistax timmaġina premju ikbar minn dan.**

## Is-sagrifiċċju tal-profeti

Għaliex il-profeti wettqu s-sagrifiċċji matul ħajjithom? Għaliex iqattgħu s-snin li għandhom fuq din l-art ifittxu t-tajjeb b'detriment għall-kumdità u l-pjaċir? Huma mġienen? Ċertament li le! Il-futur tagħhom juri li kienu l-iktar nies għaqlin tal-era tagħhom.

Xi ġralu Ġesù Kristu[as]? Tul ħajtu, issagrifika kull sekonda – kull mument – tal-pjaċir tiegħu għall-umanità, u sofra taħt dawk li ried jirriforma. Ma kienx miġnun – u anqas kien mingħajr ego – iżda l-ego tiegħu kien ta' natura ogħla, ta' kwalità ferm ifjen minn dak ta' bniedem normali. Meta bata f'isem it-tjieba, seta' verament igawdi, għax is-sens ta' nobbiltà li joħroġ minn dan serva bħala premju biżżejjed għall-atti ta' tjieba u sagrifiċċju li wettaq.

Dan mhux minnu biss fil-każ ta' Ġesù Kristu[as]; iżda huwa veru fil-każ ta' kull profeta ieħor ta' Alla. Il-'ġenn' tagħhom jista' jiġi mifhum biss bil-mod illi huma jaraw valuri ogħla minn dawk

li għandhom valuri iktar baxxi (għax ifittxu l-pjaċir fil-ħwejjeġ materjali u mhux fil-ferħ marbut mal-pjaċir tas-sagrifiċċju). Kull darba li jitwettaq ftehim li jferraħ il-qalb bħal dan, il-persuna li tagħti, tirċievi iktar ferħ minn dik li tkun irċeviet. Din hi lezzjoni bażika tal-psikoloġija umana li sfortunatament ta' spiss tintnesa. Ipprova kun tajjeb mal-oħrajn u ssir taf il-pjaċir tas-sagrifiċċju!

# Taqsam it-tbatija mal-oħrajn

Għaliex l-ommijiet huma mġienen daqshekk? Jagħmlu ljieli sħaħ imqajma għal uliedhom morda u joqogħdu jibku għalihom. Li kieku kellek tistieden dik l-omm biex torqod, u twiddibha, "għaliex qed taħli ħinek u qed tbati għal tifel li xorta waħda sejjer ibati, tqum jew ma tqumx"? Hi twieġbek, "xi trid tgħid b'dan kollu, x'parir qed tagħtini? Kif nista' norqod meta naf li t-tifel tiegħi mqajjem? Impossibbli!" Fejn qiegħed il-premju? Il-premju jinsab fir-realizzazzjoni li l-omm qed tbati flimkien mat-tifel tagħha.

**Għalhekk, il-qsim tat-tbatija jsir ferħ tal-ogħla ordni, li ma jistax jiġi mifhum minn dawk medhijin bil-materjaliżmu. B'hekk, ir-ritorn lejn dawn il-valuri jsostnik fil-mumenti tal-prova u tad-diffikultajiet. Din hi l-unika tama għall-umanità. Ritorn għall-valuri bażiċi umani li huma l-valuri ta' Alla. Dan hu li nkunu qed infissru meta ngħidu li 'Alla sawrek fi xbieha Tiegħu'.**

# Il-qawwa tal-verità

It-teżor jinsab f'qalbkom, fejn tistgħu tilħquh. Iżda intom ma tagħmlux sforz qawwi biżżejjed biex tilħqu dan it-teżor. Għalhekk, l-ewwel tridu ssiru widdieba qabel ma ssiru politiċi tajba. Tridu tkunu realistiċi, maħbubin tal-verità, qabel ma tkunu

tistgħu tmexxu lil nieskom lejn l-emanċipazzjoni mill-problemi li minnhom huma maħkuma u minnhom huma mjassra.

B'hekk dan hu l-messaġġ: **elimina l-ħażen bl-għajnuna ta' *Ħasanah*, li hu tjieba**. Dan hu l-uniku mod kif tista' tbiddel l-għedewwa fi ħbieb. Verità sempliċi, iżda qawwija ferm – qawwija u profonda tant li meta injorata tkun ikkastigat għall-bluha tiegħek! Ma tistax tinjora l-verità u fl-istess ħin ma tbatix – hu sempliċement impossibbli – dan hu s-sabiħ tal-verità.

Jekk taf li n-nar jaħraq u tinjora jew tonqos li tirrispetta din l-informazzjoni u ddeffes subgħajk fin-nar, taħarqu, m'hemm l-ebda mod kif dan tista' tevitah – sakemm naturalment ma tagħmilx xi forma ta' protezzjoni. Għaliex m'għandikx toqgħod lura minn din il-bluha? Ir-realtà tal-verità hi l-iktar realtà dominanti, li ma tistax tiġi injorata sakemm ma tridx tħallas il-prezz għal din it-traskuraġni.

## Ritorn lejn ir-realtajiet tal-ħajja

Dan hu l-ewwel messaġġ għalikom: **Irritornaw lejn ir-realtajiet tal-ħajja; ifhmu dak li qed jiġri lil pajjiżkom**. Tafu li l-ġid li Alla pprovda hu biżżejjed biex kull Kanadiż jgħix ħajja diċenti – u iktar – iżda jeħtieġ tiġu lura għar-realtà. Dan hu l-punt – sempliċi daqshekk!

B'hekk, ibdew moviment favur it-tnaqqis tal-livelli artifiċjali u r-ritorn lejn bażi naturali li tagħmel sens ekonomikament. B'dal-mod, l-ekonomija tiffjorixxi mill-ġdid. Din hi liġi naturali li ma tistax tiġi skartata – ma tistax tiġi skartata għax ... mill-ġdid dan jitlob spjegazzjoni twila li mhix flokha f'dal-punt. Emmnuni meta tirritornaw għall-verità u l-ġustizzja tiġu elevati minn fejn inżiltu. Dan kollu jibda jerfagħkom f'livelli ogħla.

# Tmiem id-dijanjosi

L-ekonomija tista' tissaħħaħ biss kemm-il darba tagħraf sewwa x'inhi l-marda. Dan hu propju dak li għadni kif għamilt. Appena tagħmel id-dijanjosi – appena taċċetta r-riżultat ta' dik id-dijanjosi – tkun sibt il-kura għall-marda. Kull dijanjosi korretta li ssir hi fiha nfisha riċetta għall-kura.

Għalhekk ifhmu l-messaġġ u ilqgħuh b'idejkom miftuħa. Agħmlu sforz qawwi biex tilħqu dan il-għan u niggarantilkom li tiddistingwu ruħkom fost il-pajjiżi tad-dinja. Hemm biss tkunu sirtu mudell. Hemm issiru mudell ta' virtù għall-kumplament tad-dinja u hemm biss il-bniedem ikun jista' jintrefa' mill-istraġi totali li daħħal lilu nnifsu fiha.

# Is-soluzzjoni tal-qgħad

Darba l-Ġermanja kont issuġġerejt li meta l-ekonomiji jkunu taħt pressjoni, meta n-nies jibdew jingħataw is-sensji – l-unika soluzzjoni possibbli għal dil-kriżi hi li jitnaqqsu l-pagi sal-punt li l-persuni kollha li jistgħu jaħdmu jagħmlu dan b'rimunerazzjoni iktar baxxa. Titħallas b'rata iktar baxxa għax-xogħol u x-xogħol kollu jissarraf f'postijiet ġodda tax-xogħol. Min-naħa tiegħu dan iwassal għall-qabża kbira 'l quddiem fl-ekonomija. Biss biss kulħadd jerfa' ftit mill-piż tad-dgħufija tal-ekonomija billi jnaqqas ftit mil-livell tal-għajxien tiegħu. F'pajjiż bħall-Kanada, saħansitra jekk il-livell tal-għajxien jitnaqqas b'ħafna punti, xorta waħda jirnexxilek tgħix b'mod diċenti.

U jekk tgħix b'mod diċenti iżda jinqalgħulek l-intoppi, f'ġieħ kawża nobbli, din l-esperjenza ssir tant pjaċevoli li ma tibqax iktar kastig. Imbagħad ix-xogħol bl-irħis joħloq rivoluzzjoni fl-

ekonomija tiegħek u dan iċ-ċiklu jibni mill-ġdid l-ekonomija nfisha.

Iżda mhux biss għal dan il-għan li qiegħed nistidinkom! Qed nistidinkom għal raġuni mingħajr interessi: **Irritornaw lejn Alla għax din hi l-unika triq – m'hemm l-ebda triq oħra. U rritornaw lejn Alla b'sottomissjoni sħiħa**.

# Alla Wieħed

Irritornaw għal dik il-karatteristika ta' Alla li dwarha intom infurmati minn kull reliġjon anke jekk b'modi differenti. Alla fl-Induiżmu huwa tajjeb daqs Alla fil-kumplament tad-dinja. Alla tal-Kristjaneżmu, tal-Ġudaiżmu u tal-Iżlam hu l-istess Alla. Din hi t-tifsira ta' Alla li Hu wieħed. Is-sbuħija Tiegħu hi Waħda, u din hi universali u bla tibdil.

# Is-sbuħija ta' Alla – fik

B'hekk, jekk ma tmurx lura għas-sbuħija, kif tista' taħrab il-kruha? Il-kriminalità, l-inġustizzja u t-trattament inugwali tal-bniedem mill-bniedem huma xi eżempji ta' kruha. U l-unika soluzzjoni vijabbli, li tinftiehem u li hi loġika hi dik li tmur lura għas-sbuħija. U għal liema sbuħija?

Jekk tara s-sbuħija bħala xi ħaġa suġġettiva, din tibdel it-tifsira tagħha skont il-pożizzjoni tagħha fid-dinja u ma tibqax iktar sbuħija. L-uniku punt ta' riferiment biex wieħed jiddefinixxi sew is-sbuħija hu Alla – dan jafu kulħadd. Hu jinsab fikom, anke jekk dan mhux dejjem tarawh. Fil-fatt mhux dejjem ikollkom l-għarfien biex tgħixu ħajjitkom kollha ma' Alla. Ieqfu wettqu r-reat li tinjoraw 'l Alla – dan hu suwiċidju!

Erġgħu lura għal dawn il-valuri, minkejja d-diffikultajiet kollha li tistgħu tiltaqgħu magħhom – din hi l-unika tama. B'dal-mod inħalli l-aħħar parti ta' dawn il-versi għax dan jieħu wisq żmien.

## Wassalt il-messaġġ

Iżda sa hawn, nittama li rnexxieli nwassal il-messaġġ. Naħseb li indunajtu b'dak li rrid infisser, u nittama li konvinti mill-verità profonda li qed ngħidilkom. Kif nista' nasal? – Jien issuġġerejtilkom triq, iżda din mhix l-unika waħda. Tistgħu tapplikaw l-intelliġenza tagħkom iżda qabelxejn tridu tiżżewġu l-verità u qatt ma tistgħu tisseparaw minnha.

## Ibqgħu fidili u leali għall-verità

Tkun kif tkun il-lealtà lejn il-verità, din tippremjak. Il-verità tippremjak dejjem!

Għalhekk, nittama li tistenbħu għal din ir-realtà, għax naf li jekk hemm xaqq ta' tama li xi sistema politika tkun riformata, dan jista' jseħħ biss hawn il-Kanada! Jekk ma twiġbux għal din l-isfida, jekk tagħtu daharkom għal din ir-responsabiltà, allura wisq nibża' li m'hemmx tama għall-kumplament tad-dinja.

**Il-barka ta' Alla fuqkom! Alla jagħtikom is-saħħa! Jalla Alla jgħinkom tirritornaw Lejh! U jalla d-dinja ssib il-paċi permezz tagħkom! Il-barka ta' Alla fuqkom! Ammen!**

## Valuri Morali Universali, Politika u Paċi Dinjija:

Dan il-ktieb hu msejjes fuq l-indirizz tal-għeluq mogħti minn Ħażrat Mirża Taħir Aħmad[rh], Kalifatul Masiħ IV, fil-Konvenzjoni Annwali tal-Komunità Aħmadija Musulmana l-Kanada, 1996. Fiha kien elenka r-raġunijiet prinċipali wara l-fallimenti li hemm fl-istruttura soċjopolitika ta' ekonomija bbażata fuq is-sistema tal-interessi.

Wara l-analiżi hu ppropona l-iktar soluzzjoni prattika u sħiħa: l-unika triq għall-paċi dinjija tikkonsisti fir-ritorn lejn valuri morali universali mibnija fuq il-karatteristiċi attributtivi ta' Alla u mħaddna mir-reliġjonijiet kollha tad-dinja.

**IMĦABBA** GĦAL KULĦADD **MIBEGĦDA** GĦAL ĦADD

Lealtà

Ħelsien

Rispett

Ugwaljanza

Paċi

*This is a Maltese translation of*
*"Universal Moral Values, Politics & World Peace"*
*by Hazrat Mirza Tahir Ahmad, Khalifatul-Masih IV[rh].*

AHMADIYYA MUSLIM JAMAAT MALTA
Mob: +356-79320139 • Tel: +356-27342401
Tel: +356-21322105 • Fax: +356-27322105

www.ahmadija.org.mt
www.ahmadiyyamalta.org